SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦDAX**

**27 ta' April, 2010**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-**5**.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Joseph Agius u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia.

**SKUŻAT**

Il-Viċi Sindku Etienne Bonello DuPuis.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Is-Sindku Joseph Agius ppresjeda.

Mal-bidu tal-laqgħa, l-Kunsillier Marica Bayliss għamlet din id-dikjarazzjoni:

"Niddikjara li mhux se noqgħod għal-laqgħa b'forma ta' protesta minħabba li ma għandiex karti, minuti u d-dokumenti, fuq xiex insegwi l-laqgħa u din hi diskriminazzjoni kontra min **"~~ma għandux kompjuter~~" "mhux *computer literate*"**."

***Emendata Laqgħa nr. 12***

Saru interventi minn Membri preżenti li esprimew il-qbil tagħhom ma' din id-dikjarazzjoni, fejn kien ippreċiżat li dan kollu mhux xi azzjoni personali kontra s-Sindku u/jew is-Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, David Dalli u Neville Mallia ħarġu mil-laqgħa.

Is-Sindku aġġorna l-laqgħa ġiet aġġornata *sine die* fis-6.47pm minħabba nuqqas ta' *quorum*.

Konfermati, illum **12 Lulju, 2010**

Joseph Agius
Sindku

Adrian Mifsud
Segretarju Eżekuttiv